MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 36

17 ta' Novembru 2021

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.31pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tas-Sinjura Connie Scerri li daħlet onlajn 5.33pm u s-Sur Alex Mangion li talab jiġi skużat imma li forsi kien ħa jidħol iktar tard. Il-Perit Schembri ukoll qal li aktarx xi 6.20 pm se jkollu jħalli laqgħa.

Is-Sindku qal li kif infurmahom qabel illum kellu jkun preżenti online il-President ġdid tar-Reġjun Tramuntana u l-Professur Arnold Cassola. Hu talab sospensjoni tal-laqgħa sabiex jitkellem is-Sur Clifford Galea.

Il-President tar-Reġjun qal li xtaq jiltaqa' ftit magħhom u forsi jara ftit suġġerimenti li jistgħu jingħataw lilu fil-bidu tal-ħidma tiegħu, xi affarijiet li qed idejju lill-membri tal-Kunsill sabiex jara kif ir-Reġjun jista' jkun iktar effettiv, iktar viżibli u mhux biss bħalha PR. Hu qal li xtaq li l-affarijiet ikunu tanġibbli mhux biss permezz ta' rappreżentanti waqt il-laqgħat imma jixtieq li l-Kunsilliera ikunu parteċipi fl-affarijiet li jkunu qed jagħmlu bħalha Reġjun u kien għalhekk li ħareġ bl-idea ta' dawn is-sensiela ta' laqgħat. Qal li diġa' ltaqa' ma xi Kunsilli oħra u Ħ'Attard hu vera raħal b'karatteristiċi sbieħ. Xtaq jisma' mingħand il-Kunsilliera xi affarijiet li jistgħu ibiddlu jew itejjbu avolja bħalha Kunsill kienu Reġjun differenti.

Is-Sur Cordina irringrazzja lis-Sur Galea li għoġbu jiltaqa' magħhom. Qal li bħalha Reġjun ma kienux ħażin fejn jidħlu fondi u tmexxija dejjem imxew sew anka taħt Presidenti differenti. L-iżjed li xtaq jgħid huwa fuq il-fattur li jkun jista' jwassal il-vuċi tal-Kunsill anka bħalha AKL sabiex il-Kunsilli ikunu iktar sodi, awtonomi, li l-Kunsilli jkollhom iktar għodda iktar biex jaħdmu, ikun hemm iktar bilanċ fit-tqassim ta' fondi mir-Reġjun għax jaf li fil-passat grat u ma tqassmux il-fondi kif suppost ma' kulħadd l-istess, il-pożizzjoni tas-Sindki u l-Kunsilliera. Qal li hemm ħafna affarijiet u ma jixtieqx jibbumbardjah hekk imma din hija l-karba tal-Kunsilli Lokali tul dawn l-aħħar 20 sena. Kompla jgħid li l-Kunsilli Lokali qishom spiċċaw *customer care* għall-pakkett tal-boroż taż-żibel, għal xi permess. Hu qal jekk hu possibbli, jaf li hu m'għandux x'jaqsam, imma l-Kunsilli Lokali għandhom jingħataw iktar saħħa.

Is-Sur Galea qal li s'issa din il-ħaġa li l-Kunsilli huma biss għall-permess jew għaċ-ċitazzjoni jidher li hi komuni f'kull Kunsill imma la jkollu s-sapport tal-Kunsilli jkun jista' jitkellem għall-kulħadd u mhux sa joqgħod lura. Is-Sur Cordina qal li anka min-naħa tal-Assoċjazzjoni qed isir ħafna min-naħa tal-President Mario Fava.

Is-Sur Cordina saqsa lill-Kunsilliera jekk jixtiequx isaqsu xi ħaġa lis-Sur Galea. Il-Perit Schembri estenda l-awguri tiegħu u qal li jaqbel ma dak li qal is-Sindku li jekk hemm fondi jitqassmu ugwali ma' kulħadd. Il-Perit Schembri qal ukoll li bosta drabi l-Kunsilli Lokali huma stmati ta' 2nd u 3rd *division.* Qal li bosta drabi l-awtoritajiet u d-Dipartimenti tal-Gvern jiġu kkonsultati bħalha proċedura għax qisu l-affarijiet ikunu diġà deċiżi u jkun miftiehem minn qalbi u ma jistax jiġi olterat b'dak li jkun il-ħsieb tal-Kunsill Lokali. Għallinqas jixtieq li l-Kunsill ikollu iktar widna mal-awtoritajiet u minn ċuċata forsi tasal waħda.

Is-Sur Galea qal li jekk ikollu l-backup ta' kulħadd bi ħsiebu jitkellem u jwassal il-vuċi tal-Kunsill anka permezz tal-media u appella biex ma joqgħodux lura. Anka l-fatt li minn Reġjun qelbu

għall-ieħor qed jenfasizza li l-Kunsill ikollu *sens of belonging*. Qal lil kulħadd biex ma jiddejjqux ikellmuh u li beda dawn il-laqgħat minn jeddu qabel mhux imbagħad jiġi Jannar u ma jkunx jaf minn fejn irid jibda. Qal li fis-27 ta' Novembru hemm ġurnata fejn ħa jiddiskutu l-budget tas-sena d-dieħla. Qal li qas hu stess ma jaf kif ħa jitqassam imma qal li hu żgur li hu reversibbli sabiex minn sena għall-oħra jkunu jistgħu jiffokaw fuq temi differenti bħall-kultura, ambjent, sostenibbilità u affarijiet oħra li huma l-*pillars* li fuqu jinbena Reġjun. Qal li bi ħsiebu jibni fuq *targets* u wara jkun jista' jgħid għallinqas intlaħqu ħamsa jew sitta jew iktar mill-ammont li jkun hemm. Irringrazzja lil kulħadd tal-ħin tagħhom. Is-Sindku irringrazzja lis-Sur Galea talli ġentilment ġie jiltaqa' magħom.

Is-Sur Cordina laqa' wkoll lill-Professur Arnold Cassola fosthom u għadda l-kelma lilu. Profs. Cassola qal li hu xtaq jilata' magħhom minħabba li ħa jkun kandidat fuq id-distrett ta' Ħ'Attard u allura xtaq jara apparti l-affarijiet li jidhru fil-pubbliku bħas-Central Link u problem oħrajn jekk hemmx xi affarijiet oħra li jixtiequ jissidkutu miegħu. Qal li barra l-lokalità hemm żewġ postijiet oħra li hemm ilmenti kbar fuqhom li huma barra mir-responsabbilità tal-Kunsill li forsi jista' jiddiskuti wkoll bħal Sant'Anton li jinsab mitluq u jaqa' taħt xi entitajiet bħal ELC u l'ieħor tal-bini fejn hemm id-Dolphin imma li jaħseb li dak jaqa' ma' Ħal-Balzan fuq il-bini ta' 90 flettijiet imma li hemm oġġezzjonijiet fuqhom li jagħlqu fl-10 ta' Diċembru. Hu qal li joqgħod is-Swieqi vera imma dak li jiġri fil-lokalitajiet ta' madwaru jaffettwawh ukoll. Is-Sindku qal li għalkemm barra l-ġurissdizzjoni tal-Kunsill xorta il-Kunsill qed jittervjeni fuq is-sitwazzjoni tal-ħamiem ad ezempjo ġewwa l-Kitchen Garden.

Il-Profs. Cassola staqsa jekk hemmx xi affarijiet li xtaqu jiddiskutu miegħu. Is-Sur Galea irringrazzja lill-Profs. Cassola tal-attenzjoni tiegħu u qal li anke fl-aħħar laqgħa il-Kunsill għamel aċċenn għall-bini fejn il-Kunsill oġġezzjona għall-blokka bini kbira wara l-iskola. Qal ukoll li rigward San Anton xorta jinnota li għalkemm jista' jkun hemm telqa xorta n-nies qed ikun hemm mhux ħażin bil-familji tagħhom fejn jirrikrejaw ruħhom. Prof. Cassola qal li l-problema hi Sant'Anton mhux il-Kitchen Garden.

Il-Perit Schembri awgura lil Profs. Cassola u saqsa li galadarba ħiereġ fuq id-distrett tagħna jistax jispjegalhom naqra il-punti prinċipali tiegħu marbuta mal-kandidatura x'se jkunu? Jaf li hu ambejtalista imma x'qed jipproponi? Prof. Cassola qal li l-punti prinċipali ħa jkunu l-Ambjent, il-politika nadifa (*accountability)* u soċjetà li taħseb f'kulħadd u tkun *caring* mhux li taħseb f'dawk li huma *net worth talented person* li hija definizzjoni għal dawk li huma miljunarji u l-oħrajn inwarbuhom u l-ambjent naturali tagħna. Qal li llum Malta qed tara iċ-ċementifikazzjoni tal-pajjiż fejn mis-snin 50 'l hawn il-pajjiż ittriplika ruħu, *climate change* qegħda magħna wkoll u hija problema li l-pajjiż irrid jiffaċċa mhux billi jinxtraw il-kwoti m'għandi il-Bulgarija biex il-pajjiż ikompli jiġi mniġġes imma nevitaw li jiġu użati *fossil fuels,* jiġu ntrodotti il-karozzi tal-elettriku u jintlaħqu *targets* li għalkemm l-anqas fid-dinja ma ntlaħqu xorta, Malta għadha lura paragunata mal-kumplament tad-dinja peress li lanqas nofs it-targets ma laħqet li kellhom jintlaħqu bejn 2010 u 2020.

Il-Profs. Cassola qal li jekk ħ a jibqgħu jitwessaw it-toroq u mhux se jittieħdu passi ulterjuri, ad eżempju is-*Central Link* għaliħ kien żball enormi għax Malta mhux bħal barra fejn biex toħroġ min Londra vera għandek tliet siegħat imma kif toħroġ hemm 4 siegħat ġiri sew. Malta toħroġ mis-*Central Link* u teħel fuq il-pont tal-Imrieħel li ma fihx iktar minn 100 metru. Il-Perit

Schembri qal li fil-verità hemm mhux kollu lest. Profs. Cassola qal li Malta ma fijiex iktar minn 28km bi 18km, m'hemmx xi 8 siegħat non stop u li tmur lejn l-għaxar snin li ġejjin mingħajr pjani diretti u ma tarax għalfejn ma tranġax ta' qabel mhux sew.

Il-Perit Schembri saqsa l-Profs. Cassola jekk ikun fil-Parlament hux ħa jara jekk inkunux fuq skala lokali imma internazzjonali biex jittejjeb il-prodott Malti. Hu qal li Malta ingħatat koncezzjoni li jinqatgħu l-emissjonijiet b'10% flok 20% imma spiccaw li Malta qas qatgħet 5% u d-dinja lanqas 10%. Issa hemm targets sa 2030 ta' 45%. Hu qal li tfal m'għandux imma sittin sena oħra min twieled il-bieraħ se jispiċċa b'postijiet bħal Imsida, Pieta', Burmarrad mgħarrqa jew deżertifikati.

Kompla jgħid li twessgħu it-toroq u nbnew ġodda biex jiġu nċentivati jintużgħju iktar it-toroq mhux sew, li l-Karozzi tal-linja huma b'xejn hekk tajjeb imma trid tassigura li l-karozzi jitilqu mill-venda kull 4 minuti għax inkella ma jlaħħqux mal-ammont ta' nies u trid tirdoppja l-flotta. Qal li biex niffirmaw trattati ok imma li jridu jkunu ta' interess għalina biex itaffu mill-problemi hawn fuq imsemmija. Infatti qal proposta tiegħi tkun moratorium ta' sentejn li jwaqqaf mill-bini fl-għoli.

L-Avukat Caruana irringrazzjat lill-Profs. Cassola talli għoġbu jiġi jilotaqa' mal-Kunsill. Qalet li fuq iċ-ċementazzjoni wieħed irid japprezza li Malta hi dik li hi, m'hemmx art iktar x'tinbena, l-popolazzjoni qed tikber u allura trid titla' 'l fuq. Qalet li fuq dik ma taqbilx miegħu. Imma fuq nota pożittiva saqsiet kif jaħseb li jista' jikkontribwixxi fejn tidħol il-lokalità ta' Ħ'Attard u hemm xi miżuri li jolqtu l-lokalità ta' Ħ'Attard li bi ħsiebu jimplimenta. Profs Cassola qal t-torrijiet tal-Imrieħel jimpatta l-lokalità ta' Ħ'Attard jekk viżwalment ħa jgħatti postijiet oħra. Qal li trid toffri r-residenti *shuttle service* ħalli jevitaw l-użu tal-karozzi private biex imorru jixtru mir-raħal stress, l-introduzzjoni ta' iktar bike lanes. L-Avukat Caruana qalet li *in the pipeline,* hemm ukoll il-proġett tal-Metro imma hawn is-Sur Cassola qal li 50 sena oħra ma tantx hu *in the pipeline.* Is-Sur Cassola qal li l-ewwel iridu jsiru studji geoloġiċi biex ikun identifikat fejn wieħed jista' jħaffer u din trid tkun integrata mat-*trams*, ma' *buses*, ma' *bicycle lanes,* ma' *walking paths.*

L-Avukat Caruana qalet li jaħseb li mhux sa jsiru dawn l-istudji? Profs. Cassola qal li żgur ma sarux biżżejjed għax anke jekk tieħu San Giljan il-*metro* ħa tgħaddi minn taħt Balluta Buildings wieħed mill-iktar binjiet storiċi u dawk il-vibrazzjonijiet mhux tajbin. L-Avukat Caruana qalet li Profs Cassola ikkritika l-proġett tas-*Central Link* imma fl-istess ħin qed jenfasiżża l-użu ta' *bike lanes,* pedestrian areas, u dawn ġew inkorporati fil-proġett. Hu qal li ma jaqbilx ma dan u li jekk tgħaddi minn Triq Tumas Chetcuti dawn ma tarahomx. L-Avukat Caruana qalet li mhux possibbli jsiru kullimkien. Profs. Caruana qal li ma tistax tkun għaddej ġo *bike lane* u tispiċċa ġo ħajt. Qal li r-*rumble strips* huma perikolużi għaċ-ċiklisti għax iżommu ħafna ħmieġ magħhom u min jaf kemm il-darba tkellem mal-Inginjir Fredrick Azzopardi u xorta jagħmel li jfettillu. L-Avukat Caruana qalet li ċiklisti ħa jaraw il-punt tagħhom biss imma sta għall-Inġinjira li jaraw il-proġett ħollistiku kollu.

Profs. Cassola qal li l-prijorità tiegħu mhux se jkunu l-karozzi imma ċ-ċiklisti u min ikun bil-mixi.

L-Avukat Caruana irringrazzjatu flimkien mas-Sindku.

## 36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

36.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha ittra t'apoloġiji tas-Sur Alex Mangion.

## 36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

36.2.1 Il-Minuti ġew approvati.

## 36.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

36.3.1 ***Skema Attività tal-Milied***

Is-Sur Cordina qal li kif kien ġa nfurmahom kienet imliet applikazzjoni taħt l-iskema Għotja ta' Fondi SPI/SCI/6/2021 Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2021 sabiex jekk jirnexxi isir Villaġġ tal-Milied fi Pjazza Tumas Dingli b'kollaborazzjoni mal-Każini.

Is-Sur Alex Mangion daħal f'dan il-mument 06.08pm.

Hu kompla jgħid li għal xi raġuni kienet sorpriża għax l-applikazzjoni għal €40,000 f'fondi kienet mimlija tajjeb ħafna imma l-Kunsill ma ngħata xejn fondi. Kompli jgħid li hemm skema oħra ta' fondi sabiex jittella' Lejl għat-Tard u għal din l-attività l-Kunsill ingħata €5,000. Hu qal li ma jistax jaħseb x'jista' jagħmel b' €5,000 imma qal li forsi dawn jistgħu jintużaw għall-Milied imma wieħed jara. Hu qal li għalħekk ilmenta mal-President tar-Reġjun li meta jkun hemm kejk għandu jinqasam ugwali bejn kulħadd. Is-Sur Cordina qal ukoll li talab spjegazzjoni għala ma ngħatajniex fondi meta l-appplikazzjoni kienet eliġibbi. Hu qal li meta saret l-applikazzjoni ta' Lejl għat-Tard intalab fond ta' € 30,000 u dan għaliex kien hemm diversi areas fejn saru attivitajiet i.e. fejn il-bank, fejn il-mużew, fejn l-Għajn tal-Bhejjem u ma jistax jaħseb x'se jagħmlu issa b'€ 5,000. Is-Sur Bartolo saqsa jekk ingħatajniex risposta imma l-unika risposta li ħa l-Kunsill qal is-Sur Cordina kienet li din ħa tingħadda lill-Bord ikkonċernat. L-Avukat Caruana saqsiet jekk hux ħa jitlob li dawn jiġu trasferiti għall-attività tal-Milied? Is-Sur Cordina qal li ħa jara x'jista' jsir.

36.3.2 ***Tenders Ġbir ta' Skart Domestiku u Sinjali tat-Toroq***

Is-Sindku qal li inħarġet sejħa għall-offerti għall-ġbir tal-iskart domestiku u tas-sinjali tat-toroq. L-Avukat Caruana saqsiet jekk tal-ġbir tal-iskart tinħariġx kull sentejn? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li peress li l-iskart domestiku kien ħa jeqleb minn Kunsill u ġej kollox Reġjonali, din kienet mitluba li mid-Dipartiment stess li tiskadi fl-31 ta' Diċembru 2021. Peress li r-Reġjuni għal din is-sena ma wasslux għall-konklużjoni li joħroġu t-tender huma, dak li kien ġie diskuss qabel f'laqgħa oħra fejn kellha tinħareġ tender waħda għall-13-il Reġjun jew kemm ħa jkunu, kellha tinħareġ tender ġdida sas-sena 2022. Is-Sur Cordina qal li biex ifiehem sew kien hemm diskussjoni anka biex l-iskart jinġabar point to point, flok door to door u jsiru bring-in sites għal kull 2000 ruħ u kien il-Ministru Herrera li stess li ħareġ sqarrija fejn qal li għalissa se jibqa

kollox hekk għax minn stħarriġ li sar in-nies stess xtaqu li jibqa' kollox hekk u b'hekk waqaf kollox. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li allura t-tender ħareġ jiskadi fl-aħħar tas-sena 2022 bil-possibiltà li jiġi estiż sas-sena 2023 dejjem bil-permess tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Sur Cordina qal li d-Dipartiment kien infurmat b'kollox u kienu huma li taw lill-Kunsill linja gwida ta' kif għandu jinħareġ. Ovvjament issa jiġu ffurmati l-bordijiet anke dak tas-Sinjali tat-Toroq.

36.3.3 *European Waste Reduction Week*

Is-Sur Cordina qal li f'Lulju kien tkellem fuq din il-ġimgħa fejn il-Kunsill jorganizza affarijiet relatati mal-ambjent. Hu qal li s-Sibt li ġej se ssir attività taħt it-tinda ta' Santa Katerina fit-3 ta' wara nofsinhar. Hu qal li ma setgħetx tiġi avżata qabel minħabba li d-data kienet għadha ma ħarġitx. Hu qal li tħejja ktejjeb informattiv attaposta relatat ma' din l-attività li ħa jitqassam lit-tfal preżenti, ukoll ħa ssir attività ta' tħawwil ta' żerriegħa fejn wara li din titkabbar mit-tfal stess tinżera x'imkien fil-lokalità f'attività separata. L-Avukat Caruana u l-Perit Schembri qalu li ħa jippruvaw jattendu.

36.3.4 *Skema 10 Kunsill Reġjun Ċentrali Proġett Ġenerali*

Is-Sur Cordina qal li din l-iskema kien tkellem fuqha fil-laqgħa preċedenti fuq akkwist ta' grada fil-grawnd tal-futbol imma peress li nstabet kwotazzjoni irħas qed jerġa' jressaqha. Hu qal li l-irħas kwotazzjoni kienet dik ta' Kandja imma inġabet oħra ta' Stanley Magro, Mosta ta' €1689.76. Se jinħarġu €1300 mir-Reġjun u l-kumplament tal-ispiża jassorbiha l-Football Club.

36.3.5 *Skema Finanzjarja 3 2020/2021 Tiżjin tal-Milied*

Is-Sindku qal li għandu tliet kwotazzjonijiet għad-dwal tal-Milied ta' CNG Street Lights €2489.80, Jonathan Cassar €2650 u CLD Caruana Light Decor €2714. Hu ssuġġerixxa li mmorru fuq l-irħas wieħed i.e.Clinton Debono CNG Street Lights.

Qal ukoll li imbagħad hemm ukoll is-siġra li tintrama fil-Pjazza li għaliha hemm tliet kwotazzjonijiet ukoll i.e. Karl Caruana €2065. L-Avukat Caruana saqsiet jekk l-i*specifications* ingħatawx mill-Kunsill? IS-Sur Cordina ikkonferma li iva. Is-Sinjura Scerri saqsiet jekk tistax issir ta' vera flok dik li kien ikun hemm is-soltu u tinxtara minn xi nursery? Is-Sur Cordina qal li dik il-kobor tiġi għolja wisq u wara biex tintrema' allura mhux worth it. Anthony Caruana €2655 u Azzopardi Brothers Development €1888. L-Avukat Caruana saqsiet jekk kienx min għamel is-siġra is-sena l-oħra. Hu qal li iva għax inżerta li hu l-irħas. Is-Sinjura Sceri qalet li tas-sena li għaddiet kienet malandata sew u maħmuġa għax kellha ħafna trab u l-materjal kien qisu antik. Is-Sur Cordina qal li ma jistax jifhem għax din kull ma hi magħmula minn wajers. Il-Kwotazzjonijiet ġew approvati.

36.3.6 *Kuntratt Knis ta' Toroq*

Is-Sur Cordina qal li xtaq jinfurmahom għax hemm problema żgħira fuq il-kuntrattur tal-knis. Is-Sur Cordina qal li bażikament ta struzzjonijiet biex jinħarġulu *default notices* u qara parti minn *Default Notice 2* (Kopja annessa ma' dawn il-Minuti). Hu kompla jgħid li hu u s-Segretarju

Eżekuttiv ħadu l-inkarigu li jmorru fuq spezzjonijiet huma personali it-toroq fuq bazi *random*, jittieħdu ritratti u jsir dak li għandu jsir. Intwerew xi ritratti rigward l-akkumulu ta' skart taħt il-bankina. Uħud mit-toroq kienu Linja, Ħal Warda, etc. Inħarġet ukoll *Default Notice 3* li nqrat ukoll (kopja annessa ma' dawn il-Minuti) rigward il-kriterju tal-GPS hekk kif mitlub fit-tender li tgħid li kull ħaddiem irid ikollu GPS tracker biex il-Kunsill jara jekk hemmx ħames ħaddiema, fejn qed iduru u jekk il-Kunsill hux qed iħallas kif suppost u hemmx value for money fl-aħħar mill-aħħar u dan naqas milli jipprovdi dawn. Hu qal li llum 17 ta' Novembru per eżempju ġie nnutat li llum ħaddiema jikinsu tnejn kien hemm u xufier. Anness ma' din id-*default notice* kien hemm ritratt mehud mis-Cybertrack li juri biċ-*cybertrack* li lanqas l-iskeda kollha ma saret. Hu qal ukoll li ingħata ċans biżżejjed biex jirregolarizża ruhu u li dan kien ħa jitqies l-aħħar pass sabiex il-Kunsill jiddeċiedi jkomplix bil-kuntratt ġaladarba dan skada fit-30 t'Ottubru 2021.

Is-Sindku qal li dawn huwa għaliex hu ma jaqbilx fuq li l-kuntratti jiġu Reġjonali għax hekk ma tkunx tista' tittieħed azzjoni diretta mill-Kunsill. Is-Sur Cordina qal li dan naqas mill-obbligi tal-kuntratt. L-Avukat Caruana talbet biex iżżid xi ħaġa, qalet li dawn suppost anke kellhom uniformijiet u hi personali kienet tara diversi ħaddiema bla uniformi kif speċifikat fit-tender. Is-Sur Cordina qal li jaqbel magħha ovvjament imma hemm gravità u gravità. Qal li l-uniformi hi xi ħaġa sabiħa imma sekondarja imma li jkollok suppost ħames ħaddiema u tiġi bi tnejn, jifhem ukoll li xi ħaddiem jista' jkun ma jiflaħx imma ma jifhimx li tkun ilek tiġbed l-attenzjoni li suppost hemm il-gps, biex wieħed jara fejn ikunu l-ħaddiema, biex jekk ikun hemm ilment minn xi resident wieħed jitkellem jekk saritx it-triq. Jifhem ukoll li mill-gps mhux dejjem tista' tgħid jekk triq saret jew ma saritx għax jiata' jgħaddi jpassi biss imma almenu jkollu ideja li għadda minn hemm u jekk għadda u ma saritx xi triq iktar tkun gravi l-affari. Ad eżempju llum minn xi tlettax il-triq kull ma għamel sitta biss. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-opinjoni ta' kulħadd. Is-Sur Galea qal li għandu jingħata *warning.* Is-Sur Cordina ġibed l-attenzjoni wkoll li dan qed jitħallas id-doppju tal-kuntrattur ta' qabel. €7,742 tenna s-Sur Bonnici li qal li ħa nota tiegħu dan. Ilmenta li t-triq tiegħu qatt ma ssir kemm ilu jsir ix-xogħol marbut mas-Central Link li huma xhur sħaħ u jekk forsi rah darbtejn kollox u li jippretendi li jkollu ġakketta. Is-Sur Mangion qal jaqbel ma kulħadd li *'its not on'* imma hu xtaq ikun jaf x'inhu l-pass li jmiss. Is-Sur Cordina qal li jitwaqqa' l-kuntratt u tinħareġ sejħa oħra sempliċi. Is-Sur Mangion qal li jekk qed jitħallas tant ammont mhux qed jonora l-obbligi tal-kuntratt irid jitwaqqaf il-kuntratt u għandu l-appoġġ tiegħu mija fil-mija. Is-Sindku saqsa lill-Kunsilliera x'jaħsbu? Is-Sur Galea propona li jinqasam il-kuntratt imma dan ma jistax isir. Is-Sinjura Scerri talbet biex jingħata ċans imma kemm is-Sindku, il-Perit Schembri, is-Sur Bartolo, u s-Sur Mangion qalu li ċansis ingħata biżżejjed.

Is-Sur Cordina qal li b'kull dovut rispett iċ-ċekkijiet hu qed jiffirmahom, dan qed jitħallas id-doppju u servizz m'hemmx. Qal li jekk hu ma jidħolx għax-xogħol tinqatalu ġurnata mill-paga. Qal li jekk tkun ġurnata xita, jew ħamest ijiem xita il-ħaddiema ma jersqux 'l hawn u li hu qatt ma fittex mal-kuntrattur fuq dawn il-ġranet u tħallas u ma jarax ir-raġuni li jekk naqas mill-obbligi għandu jtieh ċans ieħor. Is-Sur Bonnici saqsa kemm il-darba inġibdet l-attenzjoni fuq in-nuqqasijiet u s-Sindku irrisponda li innumerevolment. Is-Sinjura Scerri qalet li jekk inġibdet ħafna hekk le. L-Avukat Scerri qalet li la inġibdet l-attenzjoni hu ma kienx hemm *improvement* allura hi ma ssibx l-ebda oġġezzjoni li jieqaf imma xtaqet tkun taf x'se jsir minn kif jieqaf 'l hemm sakemm jiġi appuntat il-ġdid, jekk hemmx *contingency plan*. Is-Sur Cordina qal li jrid jibqa' sakemm jiġi terminat il-kuntratt imma ma jistenniex li ħa jkun ward u żahar. Is-Segretarju

Eżekuttiv qalet li biex tinħareġ tender hemm 35 ġurnata u ssir evalwazzjoni. L-Avukat Brincat qal li l-importanti li hemm *warnings* bil-miktub, bir-ritratti u kemm kien hemm ħaddiema u jimmaġina wkoll li jekk ħaddiem ma ġiex għax-xogħol dan ma ħallsux u l-Kunsill kien iħallas xorta. Talab biex f'kuntratt ġdid tiddaħħal klawżola li jekk ħaddiem ma jkunx ġie għax-xogħol u ma provdiex ħaddiem minflok dan jitnaqqas mill-ammont dovut. Is-Sur Cordina qal li għalhekk qal li ċans ingħata biżżejjed u li kieku kellu erba' ħaddiema u x-xogħol sar xorta qas kien jgħid xejn għax jifhem id-diffikultajiet biex wieħed isib ħaddiem u dejjem mexa b'umanità miegħu imma issa daqshekk.

Is-Sur Cordina saqsa jekk hux ħa jipproċedu bit-terminazzjoni. Kulħadd qabel li l-kuntratt għandu jiġi terminat.

## 36.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

36.4.1 Remigio Bartolo

- Qal li ħa jgħaddi ftit informazzjoni fuq Ġieħ Ħ'Attard u li kienu ddeċidew li jibdlu t-tofew. Hu u s-Sur Cordina kellhom laqgħa mal-*Head* tal-iskola Primarja Tumas Dingli, sa jidħlu għalija t-tfal u ħa jippreżentaw id-disinn lill-Kunsill u wara dan jingħadda lis-Sur Paul Haber Ceramista. Qal li għad fadal żmien peress li Ġieħ Ħ'Attard f'Marzu imma u data tal-għeluq għandha tkun nofs Jannar.

36.4.2 Victor Galea

- Attenda online meeting fuq l-isports li jaqa' taħt id-dekasteru tiegħu u tal-Avukat Caruana fejn issuġġerixxa li kull raħal ikollu l-isports day tiegħu.

Il-Perit Giorgio Schembri telaq minn *online* dan il-ħin 06.35pm.

36.4.3 Silvio Brincat

- Qal li fis-Central Lini għad hemm bosta *bus stops* temporanji u li mportanti li dawn isiru permanenti u jsirilhom l-ilqugħ minħabba li issa beda l-perjodu xitwi u mportanti li l-anzjani ma jiehdux xi tixriba.

Is-Sur Cordina qal li sewwa għamel li tkellem fuqha għax kellu nota u qabżitlu. Qal li bażikament fis-*Central Link* kull ma fadlilhom xi marki tal-karreġġjata fit-toroq sekondarji u ħafna tabelli. Kompla jgħid li sa jsiru *bus shelters* imma fejn hemm il-parapetti tan-nies ħa jsiru l-poles biss u it-temporanji jitmexxew biex jiġu għan-normal.

36.4.4 John Bonnici

- Saqsa fhiex wasalna fuq l-Uffiċċini l-ġodda tal-Kunsill? Is-Sur Cordina qal li kif qal qabel f'laqgħa oħra kien hemm appell u ħarġet id-deċiżjoni mill-PCRB biex jinħatar Bord ġdid li ħ jkun compost mis-Sinjuri Alex Mangion, Giorgio Schembri, Duncan Hall Segretarju Eżekuttiv ta' Bormla u Adrian Mifsud ex-Direttur għall-Gvern Lokali. Kompla jgħid li ġa ltaqgħu darba u nhar it-Tlieta, 23 ta' Novembru se jerġgħu jiltaqgħu sabiex jieħdu l-parir tal-Avukat Matthew Bondin.

Is-Sur Alex Mangion telaq minn *online* dan il-ħin 06.39pm.

## 36.5 Twaqqif ta' Bordijiet tal-Evalwazzjoni Tenders Ġodda

36.5.1 Is-Sur Cordina qal li ħargu t-tenders tal-ġbir ta' skart domestiku, organiku u riċiklabbli u tal-manutenzjoni ta' tabelli u sinjali w'għaldaqstant trid issir l-evalwazzjoni ta' dawn wara li jkunu għalqu f'Diċembru. Hu propona li l-Bord ikun iffurmat mill-Avukat Helen Caruana, is-Sur Remigio Bartolo u s-Sur Chris Falzon. Ic-Chairman ikun hu u s-Segretarju tal-Bord is-Sinjura Marica Mifsud. Ma kienx hemm oġġezzjoni, kulħadd qabel.

## 36.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

36.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-laqgħa preċedenti kien tressaq ir-Rapport tal-Evalwazzjoni fuq il-Bini ta' Ċentru tal-Informazzjoni li kien qed jiġi rakkomandat li jingħata lill-Proman Limited. Appelli ma kienx hemm u allura kompliet is-Segretarju Ezekuttiv tlesta l-Kuntratt, għandu jiġi ffirmat biex sal-bidu ta' Diċembru tinġab il-garanzija bankarju u joħroġ il-*pre-financing*. Marbut ma' din l-Evalwazzjoni kien hemm il-Periti li kienu fuq il-Bord u naturalment issa li ħa jibda x-xogħol iridu jiġu approvati r-rati ta' *site visits* li huma obbligatorji. Il-perit fuq dan il-proġett kien Edward Said ta'AXV Architecture u dawn li ġejjin huma r-rati tiegħu:

***Stage A:***

1. *Documentation required for BCA Approval namely: 3 condition reports, 2 method statements (excavation & construction), submission of forms.*
2. *Pre-execution: Two onsite meetings with contractor and another at our offices to go through project documents, contracts, etc.*

*Above services are quoted at a sum fee of* ***Eur1400 plus VAT***

***Stage B:***

*Term of project as defined in tender: estimated at 40 weeks*

1. *Execution: Weekly site inspections ensuring all is being undertaken in accordance with permit drawings, tender documents and best practice standards, including site meetings with SCH monitor and relevant correspondence. Liaison with PA consultees is required during execution, namely Enemalta, ERA, EHD and WSC. Included is*

***A monthly retainer of Eur1890 plus VAT***

2. *Cost management - Completed works are to be measured up, with payment certificates issued by ourselves. A measurement fee equal to* ***1% of the value of the works*** *will be charged each to the client and the contractor upon certification (as per standard practice).*
3. ***Post-permit service charge:*** *Once the planning permit is published there will be a quarterly administrative charge of* ***Eur150 plus VAT*** *covering professional indemnity, warrant and administrative costs until works are completed and certified by the Architect in Charge.*

***Stage C:***

1. *Compliance: Application for issuance of final compliance certificate upon completion of works. Meeting with CRPD architect on site to ensure the works are as per approved plans, and apply for compliance. It is highly likely that we would need to apply for a minor*

*amendment prior to compliance, as some areas might have changed during execution. Re-measurement of the whole site will be necessary, amending drawings and apply/follow-up at PA.*

*Above services are quoted at a sum fee of **<u>Eur1355 plus VAT</u>***

***<u>Exclusions:</u>***

- *Vat on all fees as indicated*
- *Additional Planning Authority fees (such as application for Minor Amendment, compliance certificate)*
- *Specialised reporting or extraordinary requests by authorities.*
- *Project management services are not part of this scope*

Dawn ir-rati ġew approvati.

36.6.2 Ġew approvati żewġ riżoluzzjonijiet sabiex:

Is-Sinjura Yanica Sammut taġixxi bħalha Deputat Segretarju Eżekuttiv meta s-Segretarju Eżekuttiv ikun indispost – Riżoluzzjoni 15
Proponent Stefan Cordina Sekondant Remigio Bartolo.
Kulħadd qabel.

Hawnhekk is-Victor Galea għamel aċċenn għall-mod kif ċertu staff jilqa' n-nies l-Uffiċċju, li għandu jkun hemm iktar kariżmatika mal-pubbliku. Is-Sur Cordina qal iva jemmen li għandu raġun imma forsi dak li ma jafx hu, u dan jista' jixhdu għax ikun l-uffiċċju kuljum li hemm mod u mod kif titratta persuna. Qal li jkun hemm mumenti fejn jiġi bniedem qed tipprova tgħinu u minflok joffendik bil-familja. Għalih, kompla s-Sur Cordina dan mhux aċċettabbli u għandhom kemm għandhom raġun m'għandhomx jistmgħuna ta' żibel.

Il-Kunsill japplika għall-fondi taħt l-iskema SPI/SCI/8/2021 proġetti kapitali aċċessibilità u mobilità fejn se jintalab l-ammont ta' €28,085.65 (85% ta' €33,041.98) sabiex issir il-bankina ta' Triq ir-Ruzell – Riżoluzzjoni 14
Proponent Stefan Cordina Sekondant Giorgio Mario Schembri.
Kulħadd qabel.

Il-Kunsill japplika għall-fondi taħt l-iskema SPI/SCI/7/2021 fond ta' manutenzjoni ta' proġetti maġġuri mwettqa mill-Gvern Centrali u jiġi rranġat Ġnien Misraħ Kola – Riżoluzzjoni 16
Proponent Remigio Bartolo Sekondant Helen Caruana
Kulħadd qabel.

## 36.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

36.7.1 Is-Sur John Bonnici saqsa fuq items 87 to 97 Trevor's Veterenary Clinic. Is-Sur Cordina qal li din hi l-iskema tal-Animal Welfare u dawn il-flejjes jintefqu fuq tiswija jew medikazzjoni jew kura tal-qtates li jkunu qed jieħdu ħsiebhom feeders reġistrati.
Il-pagamenti ġew approvati.

## 36.8 Mozzjonijiet; u

36.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 36.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

36.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.57pm u ġiet aġġornata għat-15 ta' Diċembru 2021 fil-5.30pm

Konfermati, illum 15 ta' Diċembru 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |